



0055/2015

5.10.2015

## DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar id-dinjità fi tmiem il-ħajja

**Inmaculada Rodríguez-Piñero Fernández (S&D), Gilles Pargneaux (S&D), Virginie Rozière (S&D), Marina Albiol Guzmán (GUE/NGL), Jordi Sebastià (Verts/ALE), Frédérique Ries (ALDE), Ernest Urtasun (Verts/ALE), Maria Arena (S&D), Enrique Calvet Chambon (ALDE), Julie Ward (S&D), Elena Valenciano (S&D), Sophia in 't Veld (ALDE), José Blanco López (S&D), Marie-Christine Vergiat (GUE/NGL)**

Data ta' skadenza: 5.1.2016

**Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, dwar id-dinjità fi tmiem il-ħajja<sup>1</sup>**

1. Id-dinjità, bħala valur indiviżibbli u universali li fuqu hija mibnija l-Unjoni, għandha tiġi ggarantita fl-istadji kollha tal-ħajja.
2. Id-dritt għal ħajja dinjituża jeħtieġ id-dritt għal mewt dinjituża.
3. Iċ-ċittadini kollha Ewropej, irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, li qegħdin f'fażi avvanzata jew terminali ta' marda medikament inkurabbli, li tikkawża sofferenza kbira fiżika jew mentali li ma tistax tiġi mtaffa, għandhom ikunu kapaċi jibbenefikaw minn assistenza medikali biex itemmu ħajjithom b'mod dinjituż.
4. L-Artikolu 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikoli 6(a), 9 u 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jikkonferixxu kompetenzi fuq l-Unjoni biex tikkoordina jew tikkumplimenta l-azzjonijiet tal-Istati Membri fil-protezzjoni u fit-titjib tas-saħħa pubblika.
5. Il-Kummissjoni hija mistiedna twettaq analiżi tad-diversi forom ta' servizzi tas-saħħa relatati mat-tmiem il-ħajja provduti fl-Istati Membri sabiex jiġu identifikati l-aħjar prattiki.
6. Il-Kummissjoni hija mistiedna tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri li jikkonċernaw servizzi tas-saħħa relatati mat-tmiem il-ħajja sabiex jiżguraw id-dinjità tal-bniedem taċ-ċittadini kollha fl-aħħar ta' ħajjithom.
7. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.